# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 1021/2018/1GM**

**Tony Vella**

**v.**

**David Pace**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut David Pace minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Lulju, 2019, li permezz tagħha huwa ġie kkundannat iħallas lill-attur Tony Vella l-ammont ta' €56,413.44, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Ottubru, 2018, l-attur Tony Vella fisser li huwa kien kiseb mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 70/2011 kontra l-konvenut David Pace fis-somma ta' €14,000. Jisħaq li wara ħafna taħbit, reżistenza u nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-konvenut, huwa rnexxilu jaqbadlu tliet karozzi i.e. Seddon Atkinson bin-numru ta' reġistrazzjoni DPS-001, Ford Cargo bla pjanċi ta' reġistrazzjoni u Leyland DAF ukoll bla pjanċi ta' reġistrazzjoni. Dawn il-vetturi tpoġġew taħt il-kustodja tal-kunsinnatarju Mark Tabone.

3. Eventwalment l-attur jgħid li nħareġ il-kontromandat, wara li l-konvenut David Pace kien ħallsu għas-sorti, għall-ispejjeż ġudizzjarji u għall-imgħaxijiet li kienu marbuta ma' dak il-mandat. Madankollu l-istess attur ikompli li l-konvenut kien għad fadallu jħallsu s-somma ta' €56,413.44 bil-VAT inkluż, bħala spejjeż dovuti lill-kunsinnatarju għaż-żamma tal-vetturi. Minħabba f'hekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' sitta u ħamsin elf, erba' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€56,413.44) rappreżentanti l-ħlas effettwat mir-rikorrent lill-kunsinnatarju Mark Tabone għall-ħażna ta' tliet vetturi li kienu ġew maqbuda u elevati in segwitu għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 70/2011; u*
>
> *ii. tikkundanna lill-intimat sabiex, għar-raġunijiet premessi, iħallas lir-rikorrent l-imsemmija somma ta' sitta u ħamsin elf, erba' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€56,413.44).*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1605/18 u bl-imgħax kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenut David Pace wieġeb fil-5 ta' Novembru, 2018 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament il-konvenut m'għandu xi jħallas xejn lill-attur u dan stante illi l-vetturi kollha msemmija fir-rikors promotur u ċjoè Leyland Daf, Seddon Atkinson u Ford Cargo għadhom proprjetà tal-attur u qatt ma sar xi tip ta' trasferiment lill-konvenut.*

*2. Illi għandu jiġi ċċarat taħt liema artikolu tal-liġi qiegħda tintalab din l-azzjoni.*

*3. Illi l-ammont kif mitlub permezz tal-Mandat li jġib in-numru 1605/18 mhux prima facie mistħoqq u huwa wkoll eċċessiv.*

*4. Illi tali mandat da parti ta' Tony Vella huwa għalkollox vessatorju u intimidatorju fil-konfront tal-esponenti, ibbażat fuq allegazzjonijiet għalkollox infondati kif ser jiġi osservat mill-esponenti stess matul is-smigħ tal-kawza.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Fis-16 ta' Novembru, 2019, l-attur ippreżenta nota bl-affidavit tiegħu (ara paġni 25 sa 26 tal-atti tal-kawża).

6. Illi b'rikors imressaq nhar it-8 ta' Jannar, 2019 (ara paġna 29 tal-atti tal-kawża), l-avukat tal-attur talab biex is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2019 tiġi differita minħabba li kien ħa jkun imsiefer.

7. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti b'digriet tal-10 ta' Jannar, 2019 (ara paġna 31 tal-atti tal-kawża) li kien jaqra hekk:

*«Tiġbed l-attenzjoni tal-avukat Cilia li din il-Qorti ma tagħtix*

*differimenti għall-kappriċċi tal-avukati;*

*Tiddiferixxi l-kawża għad-29 ta' Jannar, 2019 fil-11am u dakinhar l-attur għandu jressaq il-provi kollha tiegħu.»*

8. Ġara li minkejja dan id-digriet għad-differiment, is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2019 inżammet xorta waħda (ara paġna 32 tal-atti tal-kawża) u dakinhar l-Ewwel Qorti bit-tħaddim tal-**Artikolu 199(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** tat digriet li bih ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju minħabba li la l-attur u lanqas l-avukat tiegħu ma kienu dehru għal dik is-seduta.

9. Fit-28 ta' Jannar, 2019, l-attur ressaq rikors (ara paġni 40 u 41 tal-atti tal-kawża) sabiex l-Ewwel Qorti terġa' tappunta l-kawża mill-ġdid u dan wara li fakkarha, li b'digriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2019 hija kienet ċaqalqet id-data tal-kawża mit-22 ta' Jannar, 2019 għad-29 ta' Jannar, 2019.

10. B'digriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2019 (ara paġna 40 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti reġgħet appuntat il-kawża għall-14 ta' Marzu, 2019, fl-10.00am.

11. Skont riferta li tinsab f'paġna 47 tal-atti tal-kawża, jirriżulta li l-konvenut David Pace ġie notifikat personalment bl-avviż u bid-digriet dwar ir-riappuntament tal-kawża fit-13 ta' Frar, 2019.

12. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019 xehdet ir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u fis-seduta tas-16 ta' April, 2019 l-attur għalaq il-provi tiegħu, wara li ppreżenta l-affidavit tal-kunsinnatarju Mark Tabone.

13. Il-kawża tħalliet għall-21 ta' Mejju, 2019 biex il-konvenut iressaq il-provi tiegħu, iżda billi l-konvenut baqa' ma deherx, l-Ewwel Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut bħala magħluqa u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni orali għat-13 ta' Ġunju, 2019 (ara paġna 55 tal-atti tal-kawża).

14. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2019 (ara paġna 56 tal-atti tal-kawża) ġie verbalizzat li deher biss l-avukat Timothy Bartolo għall-attur għaliex l-avukata Jospehine Farrugia Mifsud bagħtet tinforma lill-Qorti illi hija kienet indisposta. Minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għad-9 ta' Lulju, 2019.

15. B'sentenza finali mogħtija fid-9 ta' Lulju, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet tal-attur Tony Vella u ordnat b'hekk lill-konvenut David Pace sabiex iħallsu s-somma ta' €56,413.44, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

> *«L-attur kien kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 70/11 kontra l-konvenut għas-somma ta' €14,000 bħala sorte (oltre*

*għal spejjez u imgħax) – Dok A, u eżegwixxa l-imsemmi mandat bl-elevazzjoni fuq tliet vetturi u ċjoè Seddon Atkinson Reg No DPS 001, Ford Cargo bla pjanċi ta' reġistrazzjoni u Leyland Daf bla pjanċi ta' reġistrazzjoni. Dawn il-vetturi tpoġġew taħt il-kustodja tal-kunsinnatarju nominat Mark Tabone. Il-konvenut issalda l-ħlas minnu dovut għas-sorte, spejjeż u imgħax li għalihom ġie maħruġ il-mandat ta' qbid eżekuttiv bin-numru 70/2011 u għalhekk ġie maħruġ l-opportun kontromandat u r-rilaxx eventwali tal-imsemmija vetturi iżda l-ħlasijiet u drittijiet mgħoddija mill-attur lill-kunsinnatarju fis-somma komplessiva ta' €56,413.44 inkluż VAT skont il-fattura dok B baqgħu ma tħallsux mill-konvenut;*

*Illi in sostenn tat-talba tiegħu, l-attur talab l-allegazzjoni tal-mandat inkwistjoni. Esebixxa wkoll affidavit tal-kunsinnatarju li wera kif wasal għas-somma mitluba għab-bażi tar-rata ta' €6 kuljum għal kull vettura (fol 53).*

*Il-konvenut m'għamel l-ebda kontroeżami tal-kunsinnatarju u ma ressaq l-ebda provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu;*

*Illi għalhekk it-talbiet tal-attur jirriżultaw ippruvati skont il-liġi.»*

16. Il-konvenut David Pace appella minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fid-19 ta' Lulju, 2019, bl-aggravji jkunu: (i) li s-sentenza hija nulla għaliex huwa ma ġiex notifikat bl-avviż li l-kawża kienet reġgħet ġiet appuntata għall-14 ta' Marzu, 2019; (ii) li s-sentenza hija nulla wkoll għaliex l-Ewwel Qorti ma qisitx it-tieni eċċezzjoni tiegħu dwar il-fatt li l-attur ma kienx indika fuq liema artikolu tal-liġi huwa kien qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu; u (iii) li l-Ewwel Qorti ma tagħtux l-opportunità biex iressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu u li f'kull każ l-Ewwel Qorti għamlet għarbiel ħażin tal-provi li ġew imressqa quddiemha. Minħabba f'hekk huwa talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din terġa' taqta' l-kawża mill-ġdid, wara li tagħtih l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu.

17. L-attur Tony Vella wieġeb fit-8 ta' Awwissu, 2019 u ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

18. Inżamm smigħ fit-18 ta' Jannar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

19. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-konvenut appellant jilmenta li huwa ma ġiex notifikat u mgħarraf bil-fatt li l-Ewwel Qorti kienet reġgħet appuntat il-kawża għall-14 ta' Marzu, 2019, wara li hija kienet ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2019. Għalhekk isostni li huwa ġie ppreġudikat peress li l-Ewwel Qorti ssoktat bil-kawża u tat is-sentenza tagħha mingħajr ma hu kien jaf bil-kontinwazzjoni tal-proċeduri u mingħajr b'hekk ma ngħata ċ-ċans li jressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu.

20. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li bħall-avviż tal-ewwel smigħ tal-kawża, l-avviż għar-riappuntament tal-kawża għandu jiġi notifikat lill-parti nnifisha u mhux lil ħaddieħor, hekk kif jgħid u jrid l-**Artikolu 182(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara f'dan is-sens ***Matthew Hayes nomine v. Joseph Farrugia nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2003).

21. Jiġi b'hekk, li n-nuqqas ta' notifika ta' parti bid-data tar-riappuntament ta' kawża, li tkun ġiet ikkanċellata huwa nuqqas proċedurali li jippreġudika d-dritt għal smigħ xieraq u li jwassal allura għan-nullità u għat-tħassir tas-sentenza appellata skont l-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Ivan Glynn v. Rosette Glynn*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021). Dan l-eżitu tan-nuqqas ta' siwi tas-sentenza ma jseħħx biss meta xi ħadd mill-konvenuti ma jkunx ġie notifikat bl-appuntament mill-ġdid tal-kawża, iżda jiġri wkoll meta mhux l-atturi kollha jkunu ġew hekk notifikati bir-riappuntament tal-kawża (ara ***Jane armla Cassar v. Dr. Michael Grech nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2008).

22. Fil-każ tagħna però, kif tajjeb isostni l-attur fir-risposta tal-appell tiegħu, jirriżulta minn paġna 47 tal-atti tal-kawża, li skont riferta maħruġa u ffirmata mill-Marixxal John B. Dimech, il-konvenut appellant kien ġie notifikat personalment bl-avviż u bid-digriet tar-riappuntament tal-kawża fil-jum tat-13 ta' Frar, 2019.

23. Riferta ta' marixxall huwa dokument uffiċjali li jgawdi mill-preżunzjoni *omnia praesumuntur rite et solemniter esse acta*, li maqlub għall-Malti jfisser li kollox huwa preżunt li sar solennement u kif suppost (ara l-provvediment mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2013 fil-kawża ***Christopher Hall et v. Awtorità tad-Djar et*** u ***Joseph Cassar***

***Aveta v. Citadel Insurance plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Marzu, 2007).

24. Rilevanti li sa minn żminijiet antiki kien miżmum li, «*è doversi aggiustar fede agli ufficiali in ciò che si attiene alla esplicazione del proprio ufficio*» (***Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru, 1927). Ifisser għalhekk li wieħed irid jagħti fidi lill-uffiċjali ġudizzjarji f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq tax-xogħol tagħhom (ara ***George Calleja et v. Ignazia Degabriele*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ġunju, 2001).

25. Bħalma ġie mtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Edward Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża fit-2 ta' Frar, 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2016, riferta ta' uffiċjal tal-Qorti ma tistax tiġi ddikjarata bħala waħda żbaljata fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' parti mingħajr prova ċara li tabilħaqq seħħ żball għaliex inkella l-Qorti tkun qed tmur kontra l-preżunzjoni li dokument uffiċjali huwa prova ta' dak li hemm fih u li sar mill-marixxall b'għarfien sħiħ tal-importanza tiegħu.

26. Il-piż tal-prova li r-riferta hija waħda ħażina għalhekk taqa' fuq min ikun qiegħed jallega li dik ir-riferta ma tiswiex (ara ***Salv Bezzina & Sons Limited v. Paul Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015).

Dak li wieħed huwa mistenni li jagħmel biex jegħleb il-prova tar-riferta huwa li għallinqas iħarrek lill-marixxall li jkun ħariġha biex jagħmillu l-eżami jew il-kontroeżami ħalli b'hekk jipprova joħroġ li dan għamel żball (ara ***Joseph Pace v. Makaw Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April, 2006).

27. Imħaddem dan kollu għall-każ tal-lum, din il-Qorti dlonk tosserva li l-konvenut appellant jgħid biss fl-ewwel aggravju tiegħu li huwa ma ġiex notifikat bl-avviż u bid-digriet tal-appuntament tal-kawża u jieqaf hemm. Kif rajna iżda, dan mhuwiex minnu għaliex hemm riferta ta' marixxall fl-atti tal-kawża li tgħid li huwa ġie notifikat personalment fit-13 ta' Frar, 2019. Il-konvenut appellant ma ressaq l-ebda argument jew ħjiel ta' prova biex iseħħlu jikkonvinċi lil din il-Qorti li din ir-riferta ma tiswiex.

28. Fin-nuqqas ta' prova li turi l-kuntrarju, din il-Qorti toqgħod fuq dak li hemm imniżżel fir-riferta, u ċjoè li l-konvenut appellant ġie notifikat kif imiss bl-avviż u bid-digriet tal-appuntament tal-kawża.

29. L-ewwel aggravju tal-konvenut għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

30. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu, il-konvenut appellanti jqajjem raġuni oħra għaliex is-sentenza appellata għandha tiġi annullata. Din id-darba r-raġuni tan-nullità msemmija minnu hija li l-Ewwel Qorti naqset milli

tiddeċiedi t-tieni eċċezzjoni tiegħu dwar il-fatt li l-attur kellu jiċċara l-artikolu tal-liġi li fuqu nieda din l-azzjoni.

31. Għalkemm din il-Qorti tħoss li l-Ewwel Qorti messha qalet kelmtejn dwar din l-eċċezzjoni u mhux injoratha daqslikieku din ma ngħatatx, b'danakollu n-nuqqas ta' stħarriġ ta' din l-eċċezzjoni mill-Ewwel Qorti m'għandhiex twassal għat-tħassir tas-sentenza appellata.

32. Ibda biex, din it-tieni eċċezzjoni ma kinitx eċċezzjoni fil-veru sens tal-kelma, iżda aktar kienet talba min-naħa tal-konvenut biex l-attur jiċċara eżatt fuq liema artikolu tal-liġi huwa kien qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu. Imma anke li kieku stess, din l-eċċezzjoni waħidha (jekk ħa nibqgħu nsejħulha hekk), xorta waħda ma kinitx ħa twassal għaċ-ċaħda tat-talbiet tal-attur jew għan-nullità tal-kawża. Hija ġurisprudenza magħrufa f'dan is-sens li l-liġi ma titlobx li rikors maħluf għandu jgħid jew isemmi fuq liema dispożizzjoni tal-liġi tkun saret azzjoni ġudizzjarja (ara fost oħrajn, ***Richard Vella v. Brigitte Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2023 u ***John Fiteni v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006).

33. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Electronic Products Limited v. Emanuel Micallef et*** maqtugħa fil-25 ta' Ottubru, 2013, imkien fil-liġi ma hu impost xi obbligu fuq attur li fl-att promotorju

tal-ġudizzju jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu jkun qed jibbaża l-mertu tat-talba tiegħu. Il-liġi tesiġi biss tifsira ċara u sewwa tal-fatti li minnhom toriġina l-kawża u l-kawżali li jagħtu lok għall-istess talba li jiġġustifikawha.

34. Tassew, għad li fil-każ tagħna l-attur ma indikax espressament l-artikolu tal-liġi li fuqu huwa ressaq din il-kawża, huwa biżżejjed ċar mill-premessi tar-rikors maħluf tiegħu, li l-attur nieda t-talbiet tiegħu fuq is-saħħa tal-**Artikolu 282(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jgħid li kreditur f'mandat ta' qbid eżekuttiv ta' ħwejjeġ mobbli għandu l-jedd ta' rigress kontra d-debitur għall-ħlasijiet li l-kreditur ikun wettaq lill-kunsinnatarju għaż-żmien li l-oġġetti maqbuda u elevati jkunu damu f'idejh.

35. Dan it-tieni aggravju tal-konvenut appellant qiegħed għalhekk jiġi mwarrab ukoll.

36. Jonqos biss li jiġi mistħarreġ l-**<u>aħħar aggravju</u>** tal-konvenut appellant, fejn huwa qiegħed jilmenta minn żewġ affarijiet: (i) mill-fatt li l-Ewwel Qorti la tagħtu l-opportunità li jressaq provi u lanqas sottomissjonijiet; u (ii) mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx tajjeb il-provi li kellha quddiemha.

37. Kif inhu fid-dmir tagħha, din il-Qorti għarblet dan l-aggravju ma' dak li hemm fl-atti tal-kawża u mingħajr tlaqliq tgħid li dak allegat mill-konvenut ma huwa minnu xejn.

38. Wara li l-konvenut appellant ġie notifikat bir-riappuntament tal-kawża, huwa kellu disponibbli għalih is-seduta tal-21 ta' Mejju, 2019 biex jekk irid iressaq il-provi tiegħu, iżda huwa għażel li ma jattendix u għalhekk b'imġiebtu stess huwa ġie li tilef iċ-ċans li jressaq il-provi tiegħu.

39. L-istess ġara fir-rigward tas-sottomissjonijiet. L-Ewwel Qorti ffissat is-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2019 biex dakinhar isiru s-sottomissjonijiet u għal darb'oħra l-konvenut appellant naqas milli jattendi għaliha. Huwa veru li jidher mill-verbal ta' dik is-seduta li l-avukata tiegħu kienet għarrfet lill-Qorti li hija ma setgħetx tattendi dakinhar; ħaġa din, li fil-fehma ta' din il-Qorti tikkonferma li l-konvenut kien jaf bis-seduta għaliex kieku l-avukata tiegħu ma kinitx tibgħat tgħid li hija ma setgħetx tattendi. Minkejja dan però, ma jirriżultax mill-verbal li l-avukata tal-konvenut talbet biex it-trattazzjoni tal-kawża ssir f'jum ieħor. Minbarra hekk, wara li dakinhar il-kawża kienet tħalliet għas-sentenza għad-9 ta' Lulju, 2019, il-konvenut ma ressaq l-ebda rikors għas-sospensjoni tal-qari tas-sentenza sabiex huwa jkun jista' jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu.

40. Jinżel b'hekk li dan il-parti tal-aggravju ma jistax jitqies bħala

wieħed fejjiedi.

41. Hekk ukoll ma jistax jitqies bħala mistħoqq l-ilment tal-konvenut appellant dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti xtarret il-provi li kellha quddiemha. Din il-Qorti taqbel bi sħiħ mal-Ewwel Qorti dwar il-mod ta' kif din qatgħet il-mertu tal-kawża. Tassew ma setax ikun hemm konklużjoni differenti meta wieħed iqis li fl-atti tal-kawża hemm: (i) prova tal-eżistenza tal-mandat ta' qbid eżekuttiv 70/2011 fejn inqabdu u ġew elevati l-vetturi Seddon Atkinson, Ford Cargo u Leyland DAF (ara paġni 4 sa 12 tal-atti tal-kawża u l-atti tal-mandat li ġew esibiti mir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali); (ii) il-fattura maħruġa mill-kunsinnatarju Mark Tabone li tgħid li l-kont għaż-żamma ta' dawn it-tliet vetturi, bir-rata ta' €6 kuljum għal 2656 ġurnata għal kull waħda mit-tliet vetturi, huwa ta' €56,413.44, wara li wieħed iżid fuqhom ukoll il-VAT bit-18% (ara paġni 13 u 54 tal-atti tal-kawża); (iii) l-istqarrija maħlufa tal-attur Tony Vella, li ma ġietx meruta, fejn qal li huwa ħallas dan il-kont ta' €56,413.44 lil Mark Tabone (ara paġna 26 tal-atti tal-kawża); u (iv) l-istqarrija maħlufa ta' Mark Tabone, ukoll mhux meruta, li tgħid li huwa tħallas mingħand l-attur is-somma ta' €56,413.44 għas-servizzi tiegħu bħala kunsinnatarju biex żamm it-tliet vetturi fuq imsemmija (ara paġna 53 tal-atti tal-kawża).

42. Dan għalhekk iwassalna għaċ-ċaħda tal-aħħar aggravju kollu

kemm hu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenut David Pace u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss